MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Numru 438/2011

Il-Pulizija
(Spettur Raymond Aquilina
Spettur Dennis Theuma)

vs

Josephine Grech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 288269M, akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, f'Novembru 2010 u fix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda rceviet minghand xi hadd iehor jew kisbet minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw lilha jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi

qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi.

Il-Qorti mitluba li tapplika d-dispozzjoni ta' l-Artikolu 23(A)(2) tal-Kodici Kriminali. Mitluba wkoll illi f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqghet tinsisti anka wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputata tiddikjaraha u ssibha hatja.

Rat l-Artikolu 298C tal-Kap 9. Tikkundannaha 2,500 Ewro multa u sena prigunerija sospiza ghal sentejn sakemm l-imputata ma tikkommettiex reat iehor fil-perjodu operattiv ai termini u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Tordna l-konfiska.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------